MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru. 549/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)

vs

Christopher Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 248873(M) akkuzat talli:

1. f'Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, fit-19 ta' Mejju, 2002, ghall-habta ta' 00:30a.m. ingurja u/jew hedded, u/jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ispettur Charles Micallef, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li

jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Artiklu 95(1) tal-Kap 9;

2. attakka u/jew ghamel rezistenza bi vjolenza u/jew b'hebb, ta' xorta li titqiesx vjolenza pubblika kontra l-Ispettur Charles Micallef, persuna nkarigata mil-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi. Artiklu 96 tal-Kap 9;

3. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira (Lm50) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Artiklu 325(c) tal-Kap 9 u ghad-dannu ta' l-istess Spettur Charles Micallef;

4. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u/jew ghajjat, u/jew b'mod iehor. Artiklu 338(m);

5. qal kliem oxxen u/jew indicenti fil-pubbliku, jew ghamel gesti oxxeni, u/jew indicenti li jofendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika. Artiklu 338(bb).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jipotizzaw ir-reati taht l-Artikolu 95 (ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offiza fuq il-persuna taghhom), l-Artikolu 96 (attakk jew resiztenza kontra ufficjali pubblici), l-Artikolu 325 (hsara volontarja), u l-offizi kontravenzjonali taht l-Artikolu 338/m (ksur tal-mistrieh tan-nies bil-lejl), u l-Artikolu 338/bb (ta' kliem oxxen fil-pubbliku).

Issa jirrisulta wisq car mill-provi illi kien l-akkuzat u mhux l-Ex Spettur Charles Micallef, li fil-lejl in kwistjoni kien

xurban kif sostnut mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu rilaxxata ‘a tempo vergina’. Dak li jghid l-akkuzat fl-istqarrija tieghu (billi hu ghazel li ma jixhidx quddiem din il-Qorti) m’hu imkien sostnut mill-provi. Anzi hu muri propju l-kuntrarju. B’risultat ta’ dan id-difiza tal-akkuzat bazata fuq il-provokazzjoni m’hi imkien sostnuta.

Inghad dan ghalhekk l-unika mitiganti, jekk tista’ tissejjah hekk, hi li dawn il-proceduri ipprottrattaw ruhhom inkonsiderevolment.

Mill-provi jinsabu sodisfacjentament pruvati l-ewwel tlett akkuzi u l-ahhar wahda izda mhux ir-raba li taghha l-akkuzat qieghed jigi liberat.

Ghaldaqstant issibu hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames akkuzi u wara li rat l-Artikoli fuq citati flimkien mal-Artikolu 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sitt xhur mil-lum sakemm ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f’dan il-perjodu u tordnalu li f’zmien xahar ihallas lill-Ex Spettur Charles Micallef is-somma ta’ €100.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------